MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Numru 277/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**vs**

**Malcolm Zammit**

**Illum 26 ta' Settembru, 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Malcolm Zammit ta' 21 sena, iben Joseph u Josephine nee` Farrugia, imwieled Pieta` fl-04 ta' Marzu 1983 u residenti 105, Sliem, Triq Msida, St Venera, detentur ta' Karta ta' l-Identita bin-numru 249883(M) gie akkuzat talli f'dawn il-

Gzejjer, bejn Novembru 2003 u Lulju 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna jew persuni ohra, minn diversi somom ta' flus li globalment jeccedu Lm4000, liema somom ta' flus kienu jappartjenu lis-socjeta` Guido Vella Cash & Carry Limited u persuni ohra u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta' flus jew li jsir uzu minnhom specifikat, u cioe` li jigu kkonsenjati lis-socjeta` Guido Vella Cash & Carry Limited u dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok HD 4 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr Jose` Herrera ghall-imputat iddikjara li filwaqt li l-imputat jiddispjacih talli ghamel, l-istess imputat diga` hallas is-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2000) li ghaddihom lill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Helga Buttigieg Debono sabiex din tghaddihom lill-parte civile u li in kwantu ghall-bilanc ta' elfejn Lira Maltin (Lm2000) l-imputat qed jobbliga ruhu li jhallashom fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Malcolm Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum minn Dr Jose` Herrera ghall-imputat u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Malcolm Zammit ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh, hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum l-imputat Malcolm Zammit jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Malcolm Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------